Illum [illegible] tax(17) ta' Lulju
tas-sena elf disa mija u sit-
ta u tmenin(1986).

Quddiemi Nutar Dottor Emmanuel George Cefai,dehru personalment:

Min-naħha l wahda:

Anthony Mifsud,sajjied,bin Joseph wil-mejta Marija nee' Demanuele,imwieled u joqghod Ghajnsielem,Ghawdex,bil-karta ta' Identita' Numru 9448(G) li jidher fuq dan l-att f'isem John Camilleri,haddiem,bin il-mejjet Pawlu u Ursula [illegible]e Sica nee' Attard,imwieled Saint Denis,Parigi,Franza u joqghod Saint Albans,Victoria,Awstralja,u dana kif awtorizzat bl-annessa Prokura Specjali li qed tigi markata Dokument "A" msejjah iktar il-quddiem f'dan l-att "il-venditur nomine".

U min-naħa l-ohra:

Rita mart Joseph Grech,bint il-mejjet Marcell Mercieca wil-mejta Victoria nee' Galea,imwielda u toqghod Ghajnsielem,Ghawdex: b'karta ta' Identita' numru 32736(G)li tidher f'isem Mario [illegible]ro,mastrudaxxa,bin Savior u Mary Anne nee' Camilleri u martu Marcelle Debono bint Joseph Grech u Rita nee' Mercieca,it-tnejn imweldin Ghajnsielem,Ghawdex u joqghodu f'Astoria, New York,Stati Uniti tal-Amerika,kif dehriament awtorizzata bl-annessa Dokument "B"msejjah iktar 'l quddiem f'dan l-att "il-kompratrici nomine".

Minni Nutar maghrufin wara d-debita identifikazzjoni.

B'dan l-att il-komparenti Anthony Mifsud nomine ibiegh u jittrasferixxi millum 'l quddiem Lill Rita Grech nomine li hekk taccetta [illegible]kwista u tixtri minghandu venditur nomine l-bicca raba msejjha "tal-Hamri" sive"Tal-Gudja" li tinsab f'Ghajnsielem,Ghawdex,tal-kejl superficjali ta' madwar erba u tmenin qasba kwadra(84 qs.k.) bari ghall madwar tlitt mija u disa u sittin metru kwadru(369 m.k.) u li tmiss mit-tramuntana u millvant ma' beni ta' Joseph Vella jew l-aventi kawza tieghu, u min-nofsinhar ma' zewg toroq progetta-ti,bid-drittijiet wil-pertinenzi kollha, u kif murija fil-pjanta u site-plan li jinsabu annessi malpermess mahrug mill-Kummissarju tal-Artijiet markat Dokument "C", u barra minn kwalsijasi Compulsory

DR. EMMANUEL G. CEFAI LL.D. NOTARY PUBLIC

Registration Area skond kif jirri[illegible]lta mill-annessa Certifikat tar-Registratur tal-Artijiet mmarkat Dokument "F".

Dan il-bejgh qed isir bil-prezz ta' elfejn u tlettax-il mitt lira Maltija(Lm2,300) li l-kompratrici nomine thallas lill-venditur nomine li hekk jircievi,jaccetta,u jhalli riċevuta.

Il-venditur nomine jiggarantixxi l-pacifiku pussess u godiment reali tal-immobili mibjugh u dana bl-Ipoteka Generali tal-beni kollha [illegible]enti u futuri tal-mandatarju tieghu.

Huwa l-att qed isir kif awtorizzat bl-anness permess mil-Lands Department mmarkat Dokument "C".

Ghall finijiet tal-Ligi jiena Nutar niddikjara li l-bollol dovut fuq dan l-att jammonta ghas-somma ta' tmienja u tmenin lira Maltija hamsa u sebghin centezmi.

Ghall finijiet tal-Att tat-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni tal-elf disa mija tlieta u sebghin (1973)jigi dikjarat li l-immobili mibjugh ge lill venditur[illegible]ine minn att ta' bejgh pubblikat min-Nutar Dottor Alexander Scenerras Trigona fit-tlieta u ghoxrin(23) ta' Lulju elf disa mija sitta u sebghin(1976).

Ghaddaqstant jien Nutar niddikjara li dan l-att mhux [illegible]mponibbli.

Peress li l-kompraturi jirresjedu fl-esteru ge mahrug il-Permess mill-Ministeru tal-Finanzi liema permess igib in-numru mija u disa u tmenin sbarra hamsa u tmenin(189/85)liema permess huwa hawn anness u markat Dokument "D".

Ge[illegible]nut ukoll il-permess tal-Bank Centrali ta' Malta li jgib in-numru tlitt mija u tmienja u tmenin sbarra sitta u tmenin(388/86)liema permess huwa hawn anness u markat Dokument "E".

Ghal kull buon fini l-partijiet kif fuq,jiddikjaraw li ma nkarigawni naghmel u li l-fatt m'ghamiltx l-ebda ricerki dwar dan l-att.

Qed jannetti ukoll ma' dan l-att Elenku tad-Dokumenti mmarkat Dokument "X".

Maghmul,moqri u ppubblikat,wara d-debita cerzjorazzjoni f'Ghawdex, Vittorja,fin-numru wiehed u tmenin(81) ta' Triq Karita'.

(Firmati)Tony Mifsud; Rita Grech;E G Cefai,Nutar Pubbliku Malti.

Vera kopja tal-original mathruġa illum, Ottubru tas-sena 20[illegible]

DR. EMMANUEL G. CEFAI LL.D. NOTARY PUBLIC